MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2004

Numru 337/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Robert Gregory**
**V**

**JEFFREY FARRUGIA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JEFFREY FARRUGIA** ta' tmintax il-sena bin Grezzju u Doreen nee Dalli, imwieled Pieta nhar l-erbgha ta' Ottubru 1984 u residenti Block A, Flat 8, Triq il-Hawha, San Gwann, detentur tal-karta tal-identita numru 484884M gie mressaq quddiemha akkuzat talli nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Marzu 2003 fi Triq il-Hawha, San Gwann, ikkommetta hsara volutnarja fuq il-gemb ta' vettura tal-ghamla Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni LCG 308 ghad-dannu ta' Daniela Tabone mill-Imsida u Oliver Micallef liema hsara ma teccedix l-hamsa mitt lira maltin izda teccedi l-hamsin lira maltin.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-istqarrija tal-imputat esibita fl-atti a fol 11 et seq tal-atti mmarkata bhala dokument RB u l-kunsens tal-Avukat Generali datat tnejn u ghoxrin ta' April 2003 esibit fl-atti markat bhala dokument CSH 1.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar t-tnax ta' Novembru 2003.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ikkunsidrat:
Illi nhar il-hmistax ta’ Marzu, 2004 deher **Oliver Micallef** li ddikjara li l-imputat ghamel tajjeb ghall-hsarat kkagunati minnu u li effettivament kemm hu kif ukoll Daniela Tabone m’ghandhomx interess fl-esitu ta’ dawn il-proceduri stante li m’ghandhom l-ebda pretenzjoni kontra l-imputat.

Rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina penali tal-imputat hija wahda netta minghajr ebda kontravenzjoni jew reat registrat fuqha u ghaldaqstant l-imputat ghandu jigi trattat bhala “*first time offender*”.

**Ghalhekk l-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara**

**li ssib lil imputat JEFFREY FARRUGIA hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta' sentejn mill-llum ai termini tal-artikolu 22 (1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------